## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t'Ottubru, 2016

Appell Nru: 484/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Jonathan Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jonathan Portelli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 207587M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Lulju 2011 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30a.m.) gewwa l-istabiliment Hugo's Passion fil-parti maghrufa bhala Shadow's Lounge li jinsab f'Turgien St. Rita, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Michael Zahra.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sandro Dimech u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Sandro Dimech.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel l-istess offiza b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez,

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi talli ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma.

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' Michael Zahra u Sandro Dimech skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru, 2013, li biha wara li rat l-Artikoli 17, 214, 215, 216, 217, 218, 221, 338(dd) u 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2), tat-tielet(3), tar-raba'(4) u tas-sitt(6) imputazzjoni, ma sabitux hati tal-hames (5) imputazzjoni u minnha lliberatu u kkundannatu sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kienu sospizi ghall-perjodu ta' erba'(4) snin. Inoltre fit-termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar milli jimmolesta jew jivvessa lil Michael Zahra u lil Sandro Dimech ;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jonathan Portelli, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu talab ir-riforma

tas-sentenza appellata billi tkkonfermaha fil-parti fejn kien ddikjarat mhux hati u minnha lliberatu u thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabithu hati u konsegwentement tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah kompletament skond il-ligi. Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tkun mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-atti processwali jemergi illi l-appellant, allura impjegat bhala DJ *part time* gewwa l-istabiliment Hugo's Passion f'San Giljan kien qieghed fuq xoghol fl-istess stabbiliment akkumpanjat mit-tfajla tieghu li kienet qed tilmenta mieghu li kien hemm xi hadd qed jittantaha u jdejjaqha. Meta spicca mix-shift tieghu, u ghaliex l-inkonvenjent fil-konfornt tat-tfajla tieghu baqa' ghaddej anke meta kienet bilqieghda hdejh b'sinjali minn certu Sandro Dimech biex tmur tkellmu, l-appellant mar fuq Sandro Dimech u talbu jhalli lit-tfajla tieghu bi kwietha u hemm inqalghet glieda fejn kellhom allura jintervjenu s-security tal-lokal. L-appellant u Sandro Dimech inzammu mis-security Michael Zahra filwaqt illi ohrajn fil-kumpanija ta' Sandro Dimech inzammu minn security ohra. Filwaqt li s-security Michael Zahra kien qed jakkumpanja lill-Sandro Dimech u lil shabu

ghal-barra l-lokal, security iehor innota li Zahra kellu ticrita fuq il-parti ta' fuq ta' riglejh li aktar tard irrizulta li kienet ferita maghmulha bi stument li jaqta' u bil-ponta. Waqt illi kienu jinsabu barra, shab Dimech innutaw illi kellu demm mal-flok tieghu u rrizulta li hu ukoll kellu qasma zghira ftit 'l fuq miz-zokra. Meta l-appellant hareg mill-lokal regghet qamet glieda ta' ftit sekondi. Tfittxija ghall-oggett li seta' kkawza dawn il-griehi rrizultat fin-negattiv u minhabba difett ma saret ebda registrazzjoni mis-sistema ta' *cameras* interni;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jikkwerela l-grad tal-prova mressqa quddiem l-ewwel Qorti u l-kredibilita ta' Sandro Dimech li minkejja diversi twissijiet mill-Qorti biex jixhed il-verita' twemmen meta qal li kien ra sikkina f'idejn l-appellant. In rigward tajjeb li qabel xejn ikun ribadit dak kostantament ritenut mill-Qrati taghna, illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax l-apprezament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Affermat dan il-principju, u ezaminati l-provi kollha minn din l-ottika, din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti sfuggewlha xi aspetti importanti mill-provi li kienu jimmeritaw kunsiderazzjoni;

3. Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti strahet maggorment fuq dak li haseb li seta gara s-security Michael Zahra u aktar fuq id-deposizzjoni ta' Sandro Dimech li mkien ma tidher abbracjata minn shabu xhieda fil-kawza u mal-fatti in speci. L-ewwel Qorti, wara ezami tad-deposizzjonijiet kollha, ikkonkludiet hekk: "*Illi kif diga inghad, Sandro Dimech sofra griehi f'zaqqu li gew certifikati bhala hfief. Illi l-posizzjoni tal-ferita tindika bic-car li min tah id-daqqa kien qieghed quddiemu. L-uniki persuni li kienu f'din id-direzzjoni kienu l-imputat u Michael Zahra. Mill-provi rrizulta li Michael Zahra kien qieghed izomm kemm lill-imputat kif ukoll li Sandro Dimech u ghalhekk ma setghax kien hu li ta' daqqa b'arma bil-ponta lil Sandro Dimech. Kif qal l-istess*

*Michael Zahra, huwa ra lill-imputat ixejjer id-daqqiet u dak il-hin hass it-tingiza f'saqajh u ghalhekk jirrizulta car li d-daqqa giet minn quddiem u ezatt minn fejn kien hemm l-imputat. Il-fatt illi r-rizultat ta' din l-aggressjoni halla ferita ta' natura hafifa* [fuq Sandro Dimech] *ma jfissirx illi l-imputat ma setghax kellu l-intenzjoni dak il hin illi jikkawza ferita gravi".*

4. L-ewwel Qorti gustament telqet mill-premessa illi f'dan l-incident ma hemmx dubju li intuzat xi arma regulari jew strument li jaqta jew iniggez. Id-domanda li ssegwi hi f'idejn min kienet din l-arma. Issa quddiem l-ewwel Qorti xehedu xejn anqas minn ghaxar persuni direttament involuti fl-incident u hadd ma xehed li ra xi haga f'idejn l-appellant hlief Sandro Dimech li ghazel li ma jwissi lil hadd li l-appellant kellu allura sikkina waqt din l-aggressjoni u dan sabiex f'dak il-kaz jittiehdu mizuri immedjati sabiex ikun mrazzan u jkunu evitati konsegwenzi serji anke fil-konfront ta' nies innocenti li setghu kienu fil-lokal bhalma normalment jigri f'incidenti simili;

5. Sandro Dimech kien ma' grupp ta' guvintur li mill-provi jirrizulta illi kien ta' tnax-il persuna. Huma kienu ghadhom kemm gew minn stabbiliment ohra u jidher li mhux kulhadd kien jaf lil xulxin pero kienu fl-istess grupp. Sandro Dimech kien ikkonsma xejn anqas minn tnax-il birra qabel l-incident. Waqt l-argument verbali l-appellant imbotta lil Sandro Dimech li waqa' mal-art u minnufih gew shab Dimech li kienu sebgha b'kollox u l-appellant inghata daqqa ta' ponn f'wiccu u intefa' zewg passi lura bid-daqqa meta immedjatament acceda is-security Michael Zahra li talab ghall-ghajnuna ta' shabu sabiex ikun jista' jikkontrolla s-sitwazzjoni. Zahra zamm lill-appellant billi qaghad sider ma sider mieghu u b'idu ix-xellugija zamm lill-Dimech. Is-security l-ohra zammew lill-shab Dimech. Filwaqt illi Zahra zamm lill-appellant hass biss tingiza f'riglejh u baqa' ghaddej b'xogholu. Zahra ma ra xejn f'idejn l-appellant minkejja li kien qed jipprova ixejjer daqqiet fid-direzzjoni ta' Dimech. Dimech izda jghid (fol 98) illi dak il-hin l-appellant kellu xi haga f'idejh u kif dahal fin-nofs beda jxejjer biha u jghid li laqtu fuq iz-zokra. L-ewwel Qorti

strahet fuq din il-parti tad-deposizzjoni li minnufih tidher inveritiera. Dimech lanqas biss kien jaf li kellu d-demm mal-qmis tieghu ghaliex kienu shabu li gibdulu l-attenzjoni pero' *mundo magis* jghid li dak il-hin intlaqat mill-appellant. Dan huwa l-istess persuna li jghid illi wara li spiccat it-tieni glieda, li sehhet fuq barra, u gew il-pulizija fuq il-post, huwa ttiehed il-polyclinic biex jiddewwa. In rigward tajjeb li ssir referenza ghax-xhieda ta' WPS 110 fejn a fol 82 tghid illi meta waslu fuq il-post ma setghux isibu lill-Sandro Dimech ghaliex kien telaq u wara instab minn PS 1 jigri x'imkien Paceville u hadlu d-dettalji. L-istess Dimech ma riedx imur l-isptar u anqas mar l-ghassa jaghmel rapport. Noel Busuttil, fil-grupp ta' Sandro Dimech izda li ma kienx ma' dawk li ppartecipaw fil-glieda, xehed illi dak il-hin kien qed jixrob mal-bar u ma ra xejn mill-incident izda meta ma ra lill hadd minn shabu fl-istabbiliment cempillu Sandro Dimech u talbu biex jiehdu l-isptar ghaliex kellu d-demm f'zaqqu. Dimech infurmah li kien miexi lejn il-karozza tax-xhud li kienet pparkjata fil-parkegg tal-lukanda Hilton. In kontro-ezami Dimech jghid li baqa' fuq il-post sakemm gew il-Pulizija u tahom id-dettalji tieghu. Jerga jinqabad f'inezatezza Dimech meta lill-siehbu Busutill qallu "taghni daqqa xi hadd b'xi haga bil-ponta". Jekk kien cert li ra sikkina f'idejn l-appellant seta facilment jghid lil siehbu li kien qala daqqa ta' sikkina minghand xi hadd. Dan ukoll la darba quddiem l-ewwel Qorti, wara li debitament imwissi mill-istess Qorti biex jghid il-verita, ddikjara li l-appellant kellu sikkina f'idejh. Issa l-istess appellant deher jaghmel diversi tentattivi sabiex jolqot lill-Dimech billi jxejjer minn fuq rasu bl-iskop li jiddefendi ruhu minn Dimech u shabu u minkejja dan, hadd, lanqas is-security li l-aktar kien vicin tieghu ma ra xi haga f'idejn l-appellant u wisq anqas intlaqat mill-appellant. Dimech irid lil din il-Qorti temmen li wara l-ewwel argument, fejn allura kien mizmum minnufih mis-security wara li ttajjar ghall-art b'daqqa ta' ponn minn shab Dimech, minn x'imkien irnexxielu igib sikkina u beda jxejjer biha;

6. Id-deposizzjoni ta' Dimech ftit jekk xejn tista' titwemmen ukoll meta jghid li hu ma kienx qed jittanta lit-tfajla tal-appellant ghaliex kien qed ikellimha b'mod normali u li kienet hi stess li bdiet tizfen mal-grupp. Mid-deposizzjoni tat-tfajla tal-appellant, li fil-mori ma baqghetx tohrog mieghu, jemergi illi wara li l-appellant talabha tmur ggiblu x'jixrob mill-bar wissietu biex ma jergax jibghatha darb'ohra ghaliex hassitha skomda bl-avvanzi ta' persuna li aktar tard irrizulta li kien l-istess Dimech;

7. L-ewwel Qorti jidher ukoll li skartat ix-xhieda tal-appellant fejn iddikjara li wara l-glieda, persuna b'accent Ingliz wissieh li kien ra sikkina f'idejn Dimech u kien ahjar li joqghod attent u li kien hu li ghenu biex johrog mill-istabbiliment meta allura kienu mill-gdid rinfaccjati mill-grupp fejn ukoll inqalghet glieda zghira ohra u l-appellant harab minn fuq il-post. F'dak il-hin Dimech gia kellu d-demm fuq il-qmis tieghu li ghalhekk bilfors li d-daqqa sehhet fuq gewwa tal-istabbiliment. Dan il-persuna barranija, injot ghall-appellant, jissemma fir-rapport tal-pulizija Dok TM3 a fol 7 kif ukoll mix-xhud Frankie Zammit a fol 171;

8. Kif gia inghad, l-ewwel Qorti ikkonkludiet li t-ticrita f'rigel Michael Zahra u d-daqqa f'zaqq Dimech setghet biss giet minn quddiemhom u la darba l-appellant kien quddiemhom, allura ma kienx hemm dubju li kien hu li kkaguna dawn il-feriti. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti. L-appellant ma kienx imputat bhala partecipi f'rissa fejn allura jidhlu fix-xena principji diversi kwantu jirrigwarda l-provenjenza ta' feriti fuq it-terz. In konkluzzjoni din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni ta sejbien ta' htija fl-appellant;

9. Ghal dawn il-motivi, wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji l-ohra, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tal-hames imputazzjoni u thassarha fejn instab hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, r-raba u s-sitt imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull htija u piena. Thassarha

ukoll f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellant garanzija sabiex ma jimmolestax lil Michael Zahra u lil Sandro Dimech.